Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 20 ta' April 2023**
**(OR. en)**

**8361/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0211/B(COD)**

**CODEC 625**
**CLIMA 202**
**ENV 385**
**ENER 193**
**TRANS 149**
**COMPET 340**
**ECOFIN 351**

**NOTA PUNT "A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 sabiex tiġi prevista l-inklużjoni tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra addizzjonali u emissjonijiet minn tipi ta' vapuri addizzjonali **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha[1] lill-Kunsill, abbażi tal-Artikolu 192(1) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-8 ta' Diċembru 2021[2].

3. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta' April 2022[3].

4. Fit-18 ta' April 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[4].

[1] 10875/21 + ADD 1sa 7.
[2] ĠU 152, 6.4.2022, p. 175.
[3] ĠU 301, 5.8.2022, p. 116.
[4] 7982/23.

5. Fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' April 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jistieden lill-Kunsill biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fid-dokument PE- CONS 10/23 bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bil-Polonja tastjeni.

6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum għal din in-nota.

7. Il-Kunsill huwa mistieden japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument PE-CONS 10/23.

8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

   Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.